MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2643/1996/1

**Publius u Maria Theresa konjugi Bajada u Karen Bajada**
**Vs**
**Marco Mifsud**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fit-3 ta' Settembru 1994, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl, fi Mriehel By Pass, Hal-Qormi, fil-waqt illi l-atturi kienu rekbin fil-vettura, numru ta' registrazzjoni G-9660, misjuqa mill-konvenut, din il-vettura kienet involuta f'kollizzoni.

Peress illi din il-kollizzjoni grat bi traskuragni, imprudenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Peress illi bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni, l-imsemmija atturi sofrew feriti serji fuq il-persuna taghhom u konsegwenti dizabilita' permanenti.

Peress illi ghal din il-kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi huwa responsabbli l-istess konvenut.

Peress illi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati, l-konvenut baqa' inadempjenti.

Ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tat-3 ta' Settembru 1994, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur Publius Bajada previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur Publius Bajada, in linea ta' danni, somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attrici Maria Theresa Bajada previa okkorendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

5. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Maria Theresa Bajada, in linea ta' danni, s-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attrici Karen Bajada previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

7. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Karen Bajada, in linea ta' danni, s-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-itta ufficjaliipprezentata fis-6 ta' Ottubru 1994 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment lill-assikuraturi tal-konvenut (Montaldo Insurance Services Limited) ai fini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara bla ebda tort, traskuragni imprudenza jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Kirurgu Joseph Debono minnu debitament mahlufa fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2003;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-3 ta' Settembru 1994 ghal habta tal-11.30 pm meta l-konvenut kien ghaddej minn Mriehel By Pass Hal Qormi isuq fuq il-karreggjata ta' barra fid-direzzjoni ta' San Giljan bil-vettura numru G-9660 huwa laqat ic-central strip li hemm fin-nofs it-triq u tilef il-kontroll tal-vettura bir-rizultat li baqa' diehel go arblu.

Rizultat ta' dan l-incident il-passiggieri li kellu mieghu u cioe' l-gharusa tieghu l-attrici Karen Bajada li kienet bil-qiegheda fuq il-front passenger seat, u l-genituri taghha l-

atturi l-ohra li kienu rekbin fuq is-seat ta’ wara garrbu griehi. Irrizulta wkoll, skond rapport tal-espert mediku il-Kirurgu Joseph Debono, li l-atturi Publius u Maria Theresa, konjugi Bajada sofrew dizabilita’ permanenti ta’ 1% fil-wicc, filwaqt li l-istess espert ma rriskontrax “any residual impairment or disability”[1]fil-konfront ta’ Karen Bajada.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-incident in disamina gara unikament tort tal-konvenut li allura ghandu jghamel tajjeb ghad-danni riskontrati mill-atturi, liema danni huma limitaw ghad-danni derivanti minn dizabbilita’ permanenti.

***Osservazzjonijiet guridici***

Ill f’ dan il-kaz huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici.

1. Illi l-azzjoni odjerna hija bazata fuq culpa aquiliana allegatament konsistenti fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jezercita diligenza debita fis-sewqan; u dan in bazi ghal principju baziku li kull irid hadd iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu [Art.1031]. Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ bonus pater familias [Art.1032]. Fl-assenza ta’ dan, il-figura ta’ din l-azzjoni kwazi delitwuza hija eskluza, u persuna ma jistax jinghad li huwa fi htija u jitqies responsabbli ghad-danni, barra l-parametri tal-principji fuq esposti. Konformament ma’ dan, il-ligi tiddisponi li “Kull hsara li tigri b’ accident jew b’ forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak li fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara” [Art.1029]. Casus sentit dominus.

2. Rigward il-piz u l-oneru tal-prova il-gurisprudenza tinsenja illi huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, principju skolpit fl-artikolu 562 tal-Kap.12. Mill-

[1] Relazzjoni Fols.96-98

banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[2] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

Ghalhekk, u in applikazzjoni tal-premess, "min jallega li dak li gara kien dovut ghall-inevitable accident bhal ma qed jaghmel il-konvenut f' dan il-kaz, fejn qed jghid li dak li gara kien dovut ghal casus ghandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-principju huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana u gie mehud mid-dottrina u gurisprudenza Ingliza. Hekk per ezempju l-awtur Charlesworth – the Law of Negligence josserva 'The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up"[3]

3. Konformanent mal-premess, Il-Qorti tosserva li huma rilevanti l-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fil-kaz Joseph Vella vs Anthony Camilleri [1998] li, ghalkemm jirreferu specifikament ghall-kaz ta' skid, il-principji esposti japplikaw fil-kazijiet li tigi eccepita l-inevitabbilita' tal-incident[4] F' dan il-kaz gie osservat li "Gie ritenut mill-Qrati taghna li f' materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilita' nonostante l-iskid. Jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli. Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza tal-iskid jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kien dovut ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid ikun sar bla ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq (Vol.37.IV.920)

---

[2] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace****[1986] Vol.LXX.II.144*

[3] Ibid. Vide wkoll *App.Civ.****Annunzjata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** *27 Frar 2004,*

[4] [GV] Vol.LXXXII.III.234

Gie wkoll ritenut in subjecta materia li meta ssir habta minhabba li wahda mill-vettura tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karrozza jkun responsabbli jekk ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid (Ibid pg.873)"

Fi kliem iehor jekk ma tigix ravvizata negligenza da parti tas-sewwieq fil-grad li trid il-ligi, li in civilibus u in generali, tikkonsisti f' nuqqas ta' attenzjoni ta' bonus pater familias, ir-responsabbilita' civili bazata fuq l-azzjoni delittwuza ma tistax tikkonfigura.  Konformament gie deciz li "l-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat ta' necessita' ma jehilsux mir-responsabbilita' tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni" [Vol.XXX.III.142; Vol.XXIV.I.172]

***Osservazzjonijiet fil-meritu***

Illi f' dan il-kaz l-atturi, fl-att tac-citazzjoni, qed isostnu li l-incident de quo sehh "bi traskuragni, imprudenza u b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut".  Prova din li tinkombi lilhom in bazi ghall-massima fuq indikata.  Minn naha tieghu, il-konvenut qed jichad din l-allegazzjoni maghmula mill-atturi fil-konfront tieghu, u fit-trattazzjoni tieghu espona l-linja difensjonali li dak li gara kien dovut ghal casus u mhux minhabba xi negligenza da parti tieghu.

Illi mill-provi rrizulta assodat u <u>konfermat mill-istess atturi</u> li l-incident sehh meta hin minnhom, waqt li l-konvenut kien ghaddej, bi "speed normali", mit-triq fuq indikata, f' <u>daqqa wahda</u> ghamih <u>dawl qawwi</u> gej minn vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta bir-rizultat li l-vettura qabdet ic-centre strip u l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Dan il-fatt jinsab konfermat mill-atturi fix-xhieda taghhom.

L-attur Publius Bajada, li  f' dak iz-zmien kellu 64 sena, fid-depozizzjoni tieghu kkonferma l-versjoni tal-konvenut li dan kien ghaddej bi speed normali u f' daqqa wahda kien hemm dawl qawwi gej mill-faccata u l-konvenut tilef il-kontroll.  L-istess xhud ikompli jghid: "Kien [il-konvenut] f'

siktu, mhux xurban, kien isuq bil-galbu, jgifieri bi speed moderat. Jiena kont bil-qeghda dritt warajh. Ma kontx innotajt b' xejn li kien traskurat bl-ebda mod, kont qed inhares dejjem quddiem"[5]

L-attrici Karen Bajada, illum Mifsud, qalet: "F' daqqa wahda rajt dawl qawwi imbaghad hbatna ………. Kien sewqan normali. Id-dawl kien f' salt, ma kienx hemm cans taghmel xejn".[6]

Mill-premess ghandu jirrizulta ab abundantia li ma kien hemm xejn censurabbli fis-sewqan tal-konvenut. Dan jinsab konfermat mix-xhieda tal-atturi stess li, ghalkemm fl-att tac-citazzjoni sostnew li l-incident gara minhabba negligenza da parti tieghu, fix-xhieda taghhom qalu il-kuntrarju. L-attur Publius Bajada wasal anke biex ikkonferma li l-konvenut, barra milli kien qed isuq bi speed normali, kien qed isuq bil-galbu u ma ra ebda traskuragni fis-sewqan tieghu.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li meta sehh l-incident ma rrizultax li l-konvenut ma kienx attent jew kien qed isuq b' mod traskurat, izda kien ghaddej bi speed normali fuq il-karreggjata ta' barra, u l-kawza prossima tal-incident kien id-dawl qawwi li f' salt wiehed ghamih ghall-ftit sekondi bir-rizultat li dan tilef il-kontroll tal-vettura. F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx l-allegazzjoni kontenuta fic-citazzjoni u li hija l-bazi tal-azzjoni proposta minnhom, u cioe' li l-konvenut kien qed isuq "bi traskuragni, imprudenza u b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku" Il-provi, partikolarment dawk tan-naha attrici, jismentixxu in toto din l-allegazzjoni u jinnewtralizzawha sa tal-punt li jeliminawha kompletament. Minn naha tieghu l-konvenut irnexxielu jipprova li l-incident gara minhabba cirkostanza li ma kellux kontroll fuqha u ghalhekk r-responsabbilita' tieghu ghall-akkadut u ghad-danni konsegwenzjali hija eskluza fit-termini tal-Artikolu 1029 fuq citat.

[5] Fols.21-23"
[6] Fol.24

Illi in vista tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel talba attrici ma tistax treggi, u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kumplament tat-talbiet li huma sussidjarji u konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Rigward it-talba ghad-danni huwa opportun li jigi rilevat, tenut kont tal-provi prezentati mill-atturi f' dan ir-rigward, li huwa assodat fil-gurirsprudenza li l-komputazzjoni tal-lucrum cessans hija bazata fuq l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva tad-danneggjat u mhux fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici.  L-ispejjez kollha a kairku tal-atturi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------